MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 577/2011

**L-Aworita` ghat-Trasport ta' Malta**

**vs**

**Il-Bastiment "MV Vasilios N"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu l-Awtorita` rikorrenti sintetikament premettiet bil-gurament is-segwenti:

1. Illi l-bastiment fuq indikat li hu registrat il-Georgia harab minn Misrata u dahal fil-Port il-Kbir fil-15 ta' Mejju, 2011;

2. Illi dan l-istess bastiment ilu issa hemm ankrat mid-data ndikata fil-paragrafu precedenti;

3. Illi kemm il-bastiment de quo, kif ukoll l-ekwipagg tieghu kienu abbandunati mis-sidien u l-operaturi tal-istess;

4. Illi l-Awtorita` ntimata konsistentement forniet lill-istess bastiment b'dak kollu li kien jirrikjedi – u effettivament ghadha taghmel hekk sa issa – fosthom bil-fuel; ilma; ikel u xorb ghall-ekwipagg u servizzi ta' sigurta`;

5. Illi di piu`, l-istess Awtorita` hi wkoll dovuta mill-bastiment intimat id-drittijiet portwali; t'irmigg, ta' pilutagg, ankragg u ta' irmonk, u dan skont ir-Regolament dwar ir-Rati tal-Port;

6. Illi komplessivament, l-ammont dovut ghal dan kollu lill-istess Awtorita` sad-data indikata fl-istess rikors promotur hu ta' sebgha u sittin elf, erba' mija u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu, (€67,490.45);

7. Illi din il-procedura giet ukoll intavolata bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, (Kap 12);

8. Illi l-istess Awtorita` rikorrenti talbet ukoll li l-bastiment intimat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-procedura u ghall-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-Kaptan Kurashvili datat il-11 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu talab zmien biex ikunu jistghu jsiru l-verifiki necessarji;

Rat id-digriet taghha tal-istess data li permezz tieghu iddifferiet il-procedura ghal dan l-iskop;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-22 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti bis-segwenti:

1. Illi l-imsemmi Kaptan ghamel tentattivi serji biex jikkomunika mas-sidien tal-bastiment in dizamina, izda dawn irrizultaw fin-negattiv;

2. Illi r-rapprezentanti tal-Awtorita` rikorrenti u l-Kaptan de quo iltaqghu u flimkien ezaminaw it-talbiet tal-istess Awtorita` fejn instab li dawn it-talbiet kollha jirrizultaw effettivament minnhom, kif indikat ukoll fl-istess rikors promotur;

Rat ukoll id-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjonijiet tal-Awtorita` rikorrenti jirrizultaw kollha debitament assodati u dawn jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-bastiment in dizamina ilu l-Port il-Kbir mid-data ndikata fl-istess rikors promotur;

2. Illi kemm ilu sorgut, l-istess bastiment fl-imsemmi Port, l-Awtorita` rikorrenti fornietu bil-bzonnijiet kollha kif minnha stess dettaljament elenkati fir-rikors promotur;

3. Illi di piu`, l-istess bastiment ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghall-pagamenti minnu dovuti ghad-drittijiet kollha dovuti skont l-Att dwar Portijiet u Bastimenti, Kap 352, kif dettaljament sottolineat ukoll fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, din il-qorti tqis li l-Awtorita` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li qed tiddeciedi din il-vertenza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12;

2. Tiddikjara wkoll li l-bastiment intimat “MV Vasilios N” huwa debitur ta’ l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta fis-somma ta’ sebgha u sittin elf, erba’ mija u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu, (€67,490.45) kif indikat fl-istess rikors promotur;

3. Tikkundanna lill-imsemmi bastiment “MV Vasilios N” ihallas lill-Awtorita` rikorrenti fuq indikata fil-paragrafu precedenti ta’ sebgha u sittin elf, erba’ mija u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu, (€67,490.45), bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------